MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Avviz Numru. 167/2007

**Avviz Numru 167/07CSH**

**Vella Falzon Capital Projects Limited**

**Vs**

**Bonnici Roderick**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa (5) ta' Gunju 2007 permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet lil Qorti tikkundanna lil konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef disgha mija u sittax-il Lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (LM4916.43) oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha w ikkonsenjata lilu mill-kumpanija rikorrenti u ta' xoghlijiet ta' tqeghid tal-istess merkanzija li ghadu ma thallasx.

Bl-ispejjez kontra tieghu inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali datata tmienja (8) t'April 2007, u li hu ngunt minn issa 'n subizzjoni.

Rat n-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut Roderick Bonnici ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sbatax (17) ta' Settembru 2007 (fol. 7) fejn eccepixxa:

"1. Illi 'n linea preliminari, t-talbiet attrici 'n kwantu jikkoncernaw t-talba ghal hlas tal-merkanzija mibjugha w kkonsenjata ghandha tigi michuda stante li l-konvenut m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici;

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in vista wkoll sia tal-eccezzjoni precedenti u sia ta' dawk sussegwenti, ghandu qabel xejn jigi determinat kemm hu l-ammont li s-socjeta attrici qed tirreklama bhala hlas tax-xoghliljiet;

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici 'n kwantu jikkoncernaw l-ammont reklamat in konsiderazzjoni tal-merkanzija mibjugha, dan mhux dovut;

4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jikkoncerma l-ammont reklamat in konsiderazzjoni tax-xoghlijiet ta' tqeghid, dan mhux dovut stante li ma sarx skond l-arti w s-sengha.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

Rat in-nota tal-konvenut ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sitta w ghoxrin (27) t'Ottubru 2007 (fol. 8) permezz ta' liema esibixxa l-affidavit tieghu flimkien ma tlett (3) dokumenti mmarkati bhala Dok. RB 1 sa RB 3.

**Roderick Bonnici** f'dan l-affidavit tieghu jghid hekk:-

"Niftakar li ghal habta tal-ahhar ta' Lulju tas-sena 2004, kont qed naghmel xogholjiet fid-dar tieghi f'Hal Qormi, w ghalhekk kont qed indur diversi hwienet biex nara l-

prezzijiet u minghand min ser nixtri l-madum u l-kamra tal-banju ghad-dar. Fost l-ohrajn kont mort wkoll ghand ta' Vella Falzon li qeghdin f'Hal Qormi. Kien ghogobni l-materjal w ghalhekk kont hadt *quote*. Wara ftit taz-zmien kont ergajt mort ghand Vella Falzon w ghamilt l-ordni ghal madum tal-art, *gres* tat-tarag u l-*parquet*. Mal-ordni Alex Vella Falzon kien talabni naghmel *deposit* u fil-fatt jien kont hallast l-ammont ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) u dan kif jidher mir-ricevuta li kien tani dakinhar (Dok. RB 1) li qed hawn nannettti. Din r-ricevuta kienet harget mill-kumpanija Vella Falzon Building Supplies Ltd. Din l-ordni li ghadni kif semmejt kienet giet ikkonsenjata lilu wara qisu xi xahrejn. Jien nel frattemp kont bqajt indur sabiex nara l-prezzijiet tal-kamra tal-banju. Fil-fatt kont ergajt mort ghand Vella Falzon u tlabtu *quote* ghal kamra tal-banju. Wara li kont qabbiltha mal-*quotations* l-ohra li gia kelli, iddecidejt li l-kamra tal-banju nixtriha wkoll minghandu, dan anki ghaliex Alex Vella Falzon kien tani *discount* tajjeb. Jien ghalhekk ghamilt l-ordni u hallastu s-somma t'elfejn Lira Maltin (Lm2000) li kienet kemm bhala *deposit* fuq il-kamra tal-banju, kif ukoll sabiex naqta' parti mill-kont pendenti li kelli fuq l-ordni li kont ghamilt qabel. Ovvjament tani wkoll ricevuta ghal dan il-pagament u anke din d-darba r-ricevuta harget f'isem l-kumpanija Vella Falzon Building Supplies Ltd. u dan kif jidher mid-Dok. RB 2 li qed wkoll nannetti. Waqt l-ordni kienet qamet il-kwistjoni ta' min kien ser iqieghed l-madum u Alexis Vella Falzon kien qalli li seta' jaqdini. Niftakar li kienu gew xi tliet haddiema Gharab id-dar li bdew jahdmu. Wara ftit li nbeda x-xoghol ta' tqeghid Alexis Vella Falzon kien cempilli u staqsieni ghal pagament akkont ghax-xoghlijiet peress li x-xoghol ta' tqeghid kien inbeda. Jien mort u kont hallastu s-somma t'elf Lira Maltin (Lm1000) bhala akkont tax-xoghljiet u dan kien tani ricevuta li nharget mill-kumpanija Vella Falzon Capital Projects Limited u dana kif jidher mir-ricevuta Dok. RB 3 li qed wkoll nesibixxi. Sa dak z-zmien li kont ghamilt dan il-pagament ta' dawn l-elf Lira Maltin (Lm1000), il-kamra tal-banju kienet ghadha ma waslitx ghandi. Fil-fatt din damet ma giet ikkonsenjata. Jekk mhux sejjer zball, kienet giet ikkonsenjata qisu xi sena wara."

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax (12) ta' Dicembru 2007 xehed i**l-konvenut Roderick Bonnici** prodott mis-socjeta attrici 'n kontr'ezami (fol. 16) fejn qal li kienet qed issirlu riferenza ghall-affidavit li kien ghamel nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t' Ottubru 2007. Qal li kien minnu li f'Lulju 2004 hu kien mar ghand Vella Falzon, hanut li qieghed Hal Qormi sabiex jigbor xi *quotations* u sussegwentement kien ikkonferma din l-ordni. Qal li fl-ewwel okkazjoni fl-ghaxra (10) t'Awwissu 2004 kien hallas somma ta' hames mitt lira u fit-tnax (12) t'Ottubru 2004 kien hallas mitejn lira ohra. Qal li l-hames mitt lira kien hallashom fuq xiri ta' madum tal-art fejn kien tahom bhala *deposit* fuq ix-xiri ta' kmamar tal-banju. Qal li kien minnu li wara kellu bzonn lil xi hadd sabiex iqeghdlu l-madum tal-kmamar tal-banju. Qal li kien rega' mar ghand Vella Falzon Capital Project u dwar tqeghin tkellem mal-istess persuna biex dejjem ikollu x'naqsam mal-istess persuna u jkollu inqas problemi. Qal li kien mar fl-istess stabbiliment biex ikellmu. Meta gie muri ricevuta esebita f'dawn l-atti bhala Dok. RB 3 li hija ntestata lis-socjeta' Vella Falzon Capital Projects, qal li dan l-ammont jirreferi ghal tqeghid ta' madum miftiehem fl-istess gurnata meta kiena qed jixtri l-kmamar tal-banju.

Illi nhar t-tnax (12) ta' Dicembru 2007 xehed **Alex Vella Falzon** prodott mis-socjeta attrici (fol. 18) fejn meta gie muri ricevuti esebiti f'dawn l-atti bhala Dok. RB 1 sa RB 3 a fol. 11 et seq tal-process, ikkonferma li l-ircevuta Dok. RB 3 giet mahruga minnu w gharaf il-firma tieghu fuqha u dan fl-ammont ta' elf lira, fil-waqt li l-ircevuti l-ohrajn, Dok. RB 1 u Dok. RB 2 ma gewx mahruga minnu, kienet ohtu li ffirmat u harget din l-ircevuta. Qal li fil-fatt hu kien ghamel n-negozjati ma' Roderick Bonnici. Mistoqsi ghaliex l-ircevuti hargu miz-zewg kumpaniji distinti qal li Vella Falzon Capital Projects hija l-kumpanija li tiehu hsieb it-*turnkey projects* w ghalhekk sabiex noholqu *file* wiehed flok il-klijent ikollu x'jaqsam ma' zewg kumpaniji separati l-i*stock* li se jkun utilizzat minn dak il-progett internament, jigi mmexxi gewwa Capital Project minghand is-socjeta' Vella Falzon Building Supplies li huwa tal-istess group sabiex jinzamm *file* wiehed u jinhareg kont wiehed.

Ghalhekk, kompla jghid, l-ircevuta harget f'isem Capital Projects ghaliex kienu diga' bdew jaghmlu x-xogholijiet. Spjega li l-bilanc li hu kienu qeghdin jitolbu fl-avviz taghhom u cioe' fl-ammont ta' Lm4,916.43 jirraprezenta kemm *mano d'opera* kif ukoll materjal. Mistoqsi mill-Qorti jghid kif ghandu jigi maqsum dan l-ammont wiegeb li ma kienx f'pozizzjoni li jirrispondi din id-domanda u jkun f'pozizzjoni li jaghmel dan fis-seduta li jmiss. Qal li kien minnu li l-ghan ewlieni tas-socjeta' Vella Falzon Building Supplies Limited huwa li jbiegh *wholesale, retail materials* filwaqt li Vella Falzon Capital Projects huwa li jiehu hsieb *turnkey contractors*. Qal li hu jirraprezenta z-zewg kumpaniji kif ukoll arrangamenti nterni tas-socjeta'.

Illi nhar t-tmintax (18) ta' Frar 2008 xehed **Alex Vella Falzon** prodott mis-socjeta attrici (fol. 21) fejn qal li hu kien gie mitlub sabiex jghid ezattament x'tirraprezenta s-somma ta' erbat elef disa' mija u sittax-il lira point forty three Liri Maltin (Lm4,916.43) in kwantu kemm jirraprezentaw is-*supply* u kemm jirraprezentaw il-materjal. Spjega li minn verifiki li ghamel jirrizultalu li minn kopja ta' dokument li hija *request of payment* li kienu hargu lil Roderick Bonnici li gie mmarkat bhala Dok. AV 1. Qal li fuqu hemm spjegat u hemm *highlighted* bil-kulur orangjo dak li huwa *labour content* fl-ammont totali ghal tliet elef tliet mija u erba' liri (Lm3,304) inkluz il-VAT. Spjega li l-bilanc jirraprezenta l-materjal. Ftakar li meta kiena tkellem ma' Roderick Bonnici kien ghamillu *collection sheet* u bazikament kien gabarlu l-*quotations* li ghandhom x'jaqsmu s-*supplies* biss u dahhallu *labour contents*. Qal li dan id-dokument kien qed jesibih bhala Dok. AVF 2. Zied jghid li wara li kienet saret din il-*collection sheet*, saru xi emendi zghar fuq il-kwantitajiet u minflok biddel ix-*sheet*, ghamel l-emendi bil-miktub imhazza minnu u huma *highlighted in orange*. Zied jghid li l-ammont globali kien ta' sebat elef erba' mija u hames liri (Lm7,405) il-VAT huwa eskluz. Qal li gieli ghamel id-*dealings* ma' Roderick Bonnici u hadd iktar u dawn ghamilhom ghax-xogholijiet. Mistoqsi ghandux kopja tal-*quotations* li ghamel, wiegeb li effettivament kellu u esebihom bhala Dok. AVF 3, konsistenti f'sitt faccati. Qal li fl-istruttura taghhom kien hemm tliet kumpaniji li joperaw w ghalhekk, meta bniedem

jidhol fix-*showroom* taghhom, ma jfissirx li jkun mar biex jaghmel negozjati ma' kumpanija specifika wahda. Qal li kien jiddependi fuq ix-xoghol li jirrikjedi l-klijent li huma joperaw. Qal li l-*quotations* kienu hargu fuq *quotation book* ta' 'Italian Image Company' pero' l-*logo* tal-*group* huwa Vella Falzon u jidher ukoll fuq dan id-dokument. Spjega li dawn huma l-*quotations* li kien qed jaghmel riferenza ghalihom .

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2008 (fol. 35 et seq tal-atti).

Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2009 (fol. 68 et seq tal-atti) fejn ikkonfermat is-sentenza preliminari moghtija minn din l-istess Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2008.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Roderick Bonnici ppresentati fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tlettax (13) ta' Frar 2009 (fol.79 tal-atti) fejn eccepixxa li l-azzjoni attrici 'n kwantu tikkoncerna t-talba ghal hlas tal-prezz ta' merkanzija hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar s-sittax (16) ta' Gunju 2009 xehed **Dottor Alex Vella Falzon** (fol. 86) fejn qal li huma kienu talbu l-hlas fil-hamsa (5) ta' Jannar 2006. Qal li ma kienx sar hlas tal-madum per se', kien sar kuntratt t'appalt u l-madum kien jifforma parti minn dan il-kuntratt u li ghalih, ghalhekk il-bejgh tal-madum sar meta tlesta l-appalt. Spjega li dan kien process twil u ftakar li f'Ottubru 2004 il-konvenut kien diga' qed imur ghandhom ghal xi *quotations*. Qal li kien jaf li fil-process hemm ircevuta ghat-*tiling* 10$^{th}$ August 2004 a fol. 11 ta' l-atti w ghalhekk bilfors li kienu ftehmu qabel din id-data. Mistoqsi jekk effettivament baghatux xi ittra ufficjali wiegeb li kienu baghatu u li din intbaghtet fit-tmienja (8) t'April 2007.

Illi nhar t-tmienja (8) t'Ottubru 2009 xehed **Alex Vella Falzon** (fol. 89) fejn esebixxa numru ta' dokumenti biex jindikaw li x-xogholijiet kienu ghadhom ghaddejjin u dan in

relazzjoni mal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. T. Ix-xhud ta kopja ta' dawn id-dokumenti lil Dr. Carlo Vigna ghan-nom tal-konvenut.

Rat n-nota tal-kumpanija attrici ppresentat seduta stante nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2010 (fol. 107 et seq tal-atti) permezz ta' liema esibixxa kopja tal-Ittra Ufficcjali ppresentata mill-kumpanija esponenti nhar t-tmienja (8) t'April 2007, li giet notifikata lil intimat Roderick Bonnici nhar t-tnax (12) t'April 2007 (Dok. NVF 1) kif wkoll tan-Nota responsiva ppresentata mill-intimat nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju 2007 (Dok. NVF 1).

Rat li fis-seduta ta' nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2010 xhed **Alex Vella Falzon in kontro-ezami** fejn ikkonferma li d-dokumenti li esebixxa fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2009 a fol. 90 et seq tal-process u mmarkati bhala Dok. T, kollha jirrelataw ghax-xoghlijiet li saru ghand il-konvenut. Ikkonferma wkoll li x-xoghol verament sar wara li l-konvenut kien ikkonfermalhom li kien se jixtri l-bathrooms. Qal li naturalment huma kienu baghtu l-madum biex jitqieghed fil-postu sussegwentement kienu baghtu wkoll il-fittings u l-bath accessories, ovvjament wara li l-madum kien tqieghed.

Gie muri document a fol. 98 tal-process, li huwa datat 21 ta' Dicembru 2005. Filwaqt li kkummenta li d-dokument originali li jinsab f'idejn il-Qorti fih toqba li b'xi mod tista' tfixkel fil-qari, ikkonferma li dan id-dokument jindika li mill-istores kienet harget xkora Keracrete Polvere ghal ghand il-konvenut Roderick Bonnici, u li dan kien relatat mal-istess progett. Qal li naturalment ix-xoghol intemmu war din id-data, cioe' il-21 ta' Dicembru 2005.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Marzu 2010 fejn talbu lil din il-Qorti taghti sentenza ohra preliminari dwar l-eccezzjoi sollevata mill-konvenut in kwantu li t-talba ghal hlas tal-madum hija preskritta ai temini tal-artikolu 2148 (b) tal-kap 16.

**L-Artikolu 2148(b) jiddisponi li "l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mibjugha bl-imnut" jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.**

Il-Qorti pero thoss li ghandha l-ewwelnett tiddiskuti l-fatt jekk l-azzjoni tal-konvenut hix wahda jew multiplika, fis-sens jekk l-ordni ghax-xiri tal-madum u s-sussegwenti installazzjoni tal-madum jammontawx ghal relazzjoni wahda, u dan ghaliex fil-waqt li x-xiri tal-madum jaqa' bi preskrizzjoi ta' tmintax-il xahar, l-appalt tal-installazzjoni tal-madum jaqa' bi preskrizzjoni ta' hames snin.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien mar ghand l-attur sabiex jixtri xi kmamar tal-banju u xi madum, u fil-fatt kien ghogbu xi xoghol u sahansitra ghamel xi ordni mieghu, liema *quotation* harget minghand is-socjeta Italian Image Company, pero' bil-logo tal-grupp Vella Falzon vide Dok A (fol. 28). Dan sehh fit-30 ta' Gunju 2004. Sussegwentement iddecieda li jixtri zewgt ikmamar tal-banju u fil-fatt sahansitra anke ghamel zewg depoziti kif jirrizulta mid-dokumenti RB1 u RB2 a fol. 11. Dawn igibu d-dati tal-10 ta' Awwissu 2004 u 12 ta' Ottubru 2004. In segwitu' l-konvenut kien ghamel ftehim iehor li jidhol f'appalt mieghu dwar it-twahhil ta' dan il-madum kif jirrizulta mid-dokument RB 3 a fol. 12, datat 19 ta' Jannar 2005. F'din l-ahhar ricevuta hemm imnizzel li l-konvenut hallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) bhala akkont lis-socjeta' Falzon Vella Capital Projects. Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li saru tliet kuntratti separate, tnejn li jirrigwardaw il-bejgh tal-madum u accessorji tal-kamra tal-banjo, u l-ohra dwar l-installazzjoni tal-istess. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-attrici li tghid li sar negozju wiehed, u ghalhekk kollox huwa kopert bil-perijodu preskrttiv ta' kuntratt t'appalt, ghaliex mill-provi zgur li dan ma jirrizultax li huwa il-kaz. Illi s-socjeta' attrici kellha tliet kontijiet miftuha, ghalkemm il-konvenut kellu bilanc wiehed li kien jinkludi t-tliet kontijiet.

**Konsiderazzjoni Legali**

L-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija u oggetti ohra mobbli mibjugha bl-imnut, jaqghu bil-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar. Minn dan jirrizulta li l-precitat artikolu tal-Ligi japplika biss f’kaz fejn bejn il-kreditur u d-debitur sehh bejgh bl-imnut. Il-bejgh bl-imnut ifisser bejgh fi kwantitajiet zghar lill-pubbliku – *sale of goods in small quantities to the public, usually through a shop (* sentenza fl-ismijiet “**Geordie Co. Ltd. v. Mario Azzopardi**” Citaz. Nru.2196/00JA deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Jannar 2004.

Fil-bejgh bl-imnut huma kontemplati dawk kollha, sia kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ghall-konsum giornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. B’hekk l-Artikolu 2148(6) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprexxindi mill-kwalità tal-persuni, tant illi ma jharisx lejn dik li tista’ tkun il-professjoni abitwali tal-partijiet, izda jhares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni *per se*.

Il-gurisprudenza nostrali taghmel distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa u din id-distinzjoni hi bbazata fuq il-fatt illi *fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex tigi rivenduta jew manifatturata f’opra, jew fejn wiehed ibiegh lill-persuni biex jinnegozzjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantità apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa … il-grossista “vende per lo più a coloro i quali commerciano della cosa comprata” mentri l-imnutant “vende per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al bisogno di costoro”. Vide sentenza fl-ismijiet “**Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited**” Appell Civili Nru. 148/03 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (SedeInferjuri) fis-7 ta’ Dicembru 2005.)*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut Roderick Bonnici xtara kmamar tal-banju minghand is-socjeta’ attrici u dan ghall-bzonnijiet personali tieghu. Illi l-kawza odjerna giet istitwita fil- 5 ta’ Gunju 2007, ferm wara l-perjodu fejn is-socjeta’ attrici setghet talbet il-hlas ghal kreditu taghha. Il-perijodu ghalhekk ta’ preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar

japplika u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-madum hija illum preskritta.

**Ghalhekk din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut f'dan ir-rigward, u limitatament ghal hlas tal-prezz tal-bilanc tal-madum, hija preskritta.**

**Tordna pero' l-kontinwazzjoni tal-kawza ghar-rigward il-bilanc dovut fil-kuntratt t'appalt.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------